MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-28 ta' April, 2015

Talba Numru. 185/2015

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**Vs**

**Thea Pisani a nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' NT Leisure Limited (C38249)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ecepixxiet illi:-

Is-Socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elfejn sitt mija tnejn u sebghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€2,672.62c) in konessjoni ma' 79004190, 99207069, 99217616, 79345466 (AC50923161, 50783699, 50783274 u 50914436).

Illi nterpellata sabiex tghaddi ghal hlas, is-Socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra s-Socjeta' konvenuta li minn issa hija ngunta in Subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluz dawk in konnessjoni mal-ittra ufficjali 4206/10, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza.

Dokumenti Mehmuza:

Dok A1 – A4 – Prospett

Dok B1 – B4 – Kuntratti

Dok C – Ittra Ufficjali – 4206/10

Dok D – Estratt mir-Registru Elettorali

Dok E – Estratt mir-Registru tas-Socjetajiet

Ra r-risposta ta' Thea Pisani f'ismiha proprju fejn eccepixxiet:

1. Illi Thea Pisani personalment ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi t-talba kif intavolata hija irrita u nulla stante illi tali talba messha saret biss kontra l-kumpanija NT Leisure Limited (C38249) u mhux ukoll kontra l-esponenti f'isimha propju;

3. Illi mill-istatements u mill-formuli kollha annessi mat-talba odjerna jirrizulta propju illi l-klijenta tas-Socjeta' rikorrenti kienet biss is-Socjeta' NT Leisure Limited u mhux Thea Pisani f'isimha propju;

4. Illi mid-definizzjoni ta' "*Customer*" moghtija mis-Socjeta' rikorrenti stess fid-dokument annessa mat-talba odjerna u mmarkat Dok B2 jirrizulta li "*Customer*" *means the person, legally or naturally named on the order form*". Mill-istess '*order form*' annessa u mmarkata Dok B3 jirrizulta ben car illi s-Socjeta' NT Leisure Limited hija l-klijenta tas-Socjeta' rikorrenti u mhux l-esponenti;

5. Illi tant Thea Pisani m'ghandha qatt tinzamm responsabbli ghal xi hlasijiet allegatament pendenti u dovuti mill-kumpanija NT Leisure Limited illi hija lanqas biss kienet il-firmatarja tal-istess Socjeta'. Di fatti dejjem irrizulta illi l-persuna li ffirmat kwalunkwe dokumentazzjoni necessarja f'isem NT Leisure Limited kienet Nicole Pisani.

6. Illi t-talbiet tas-Socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda in toto bl-ispejjez kontra l-istess Socjeta'.

It-Tribunal ra li gie prezentat kapitolu fil-21 t' April, 2015 mill-Avukata Dr Ingrid Zammit Young.

Ra l-atti u ra l-verbal tal-21 t'April, 2015 fejn prezentat risposta Thea Pisani f'ismiha propju u li s-Socjeta' konvenuta ma dehritx biex tressaq il-provi dwar il-kontesatzzjoni taghha. It-Tribunal jirrileva illi l-kawza ma hiex kontra Thea Pisani infisha imma a nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' konvenuta u ghalhekk ir-risposta m'ghandhiex rilevanza ghall-proceduri odjerni. Illi peress illi s-Socjeta' konvenuta ma presentatx ir-risposta taghha u ma deher hadd biex jikkonstesta t-talbiet kontriha gie ipprezentat kapitolu u ntlahqet it-talba biex tghaddi ghas-Sentenza.

Ikkunsidra:

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-Socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fis-seduta tal-21 t'April, 2015, meta gie ipprezentat l-kapitolu ghas-Subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-Socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-Socjeta’ konvenuta thallas lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn sitt mija u tnejn u sebghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€2672.62c) bl-imghaxijiet u l-ispejjes kif mitluba fl-avviz sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------